**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' Mejju, 2017

Rikors Guramentat numru : 95/14 AL

**A B**

**vs**

**Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Joanna Borg Costanzi b'digriet tal-1 ta' Lulju 2014 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti C B u b'digriet tal-15 ta' Frar, 2017 il-PL Veronica Rossignaud giet nominata bhala kuratur deputat minflok il-PL Joanna Borg Costanzi li mietet fil-mori ta' dawn il-proceduri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici, li permezz taghha ippremettiet :

1. Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, ecessi, minacci, adulterju, swat, abbandun, mohqrija u ngurji gravi tal-konvenut kif

ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza

2. Billi miz-zwieg il-konjugi kellhom tifel li jismu X li llum ghandu seba (7) snin u qed jitrabba mir-rikorrenti;
3. Billi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta dina l-istanza permezz ta' digriet moghti mill-Qorti kompetenti;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tipponunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut intimat u ghal finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi id-data meta l-istess intimat ghandu jkun kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda;
2. Tawtorizza lill-attrici rikorrenti tghix separatament minn ma zewgha;
3. Tapplika kontra l-konvenut intimat interament jew in parte id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16);
4. Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri X B f'idejn ir-rikorrenti;
5. Tordna lill-intimat ihallas retta alimentari xierqa ghar-rikorrenti u ibnu l-minuri;
6. Tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista interalia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u d-data stabbilita minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi okkorrendo ghall-finijiet ta' dina it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
7. Tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina il-Qorti;

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-Medjatur kontra l-konvenut intimat illi huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Joanna Borg Costanzi, li in forza taghha eccepew : (fol 23)

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati Dr Simon Micallef Stafrace u il-PL Joanna Borg Costanzi;

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha prodotti u l-atti kollha tal-proċediment.

Rat in-nota[1] tal-attriċi a tenur tal-artikolu 62 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[2], illi permezz tagħha ddikjarat li hija tixtieq li tirriverti lura għal kunjom xbubitha "Y" mal-pronunzja tas-separazzjoni personali.

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum;

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali, b'dana illi l-konvenut C B jinsab nieqes minn Malta u

---

[1] Fol. 27
[2] Kodiċi Ċivili

għalhekk l-attriċi debitament ipproċediet bil-ħatra tal-kuraturi sabiex jirrapreżentawh f'dawn l-atti.

Issir referenza għar-rikors promotur minn fejn jirriżulta illi r-rikorrenti talbet *inter alia*, il-pronunċja tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għal raġunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut assenti.

L-attriċi xehdet bil-prċedura tal-affidavit[3] fejn hija spjegat is-segwenti:

(a) Hija żżewġet lil C B fis-26 ta' Ġunju 2006 fil-Gambja, liema żwieġ ġie rreġistrat hawn Malta, kif jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat taż-żwieġ innumerat 1323/2006[4];

(b) Il-partijiet marru jgħixu ġol-fond 17, "Vicky House", Triq il-Ġilju, il-Manikata, liema fond huwa propjeta` ta' missier l-attriċi Carmelo sive Charles Y[5];

(c) Miż-żwieġ, fit-18 ta' Frar 2007, twieled iben, il-minuri Alexsander[6], li llum għandu għaxar snin;

(d) Għall-bidu, l-ħajja miżżewġa kienet normali u l-attriċi waqqfet taħdem sakemm it-tifel kellu seba' xhur; iżda mbagħad ir-raġel beda jibgħat il-flus għand familtu fil-Gambja u għalhekk ma bdewx ilaħħqu mal-ħajja u l-attriċi kellha terġa' toħroġ taħdem;

(e) Inoltre l-konvenut assenti kien ta' spiss imur lejn il-Gambja, vjaġġ li kien jiswa €1,300 passaġġ biss, oltre l-flus li kien jieħu miegħu; darbtejn fis-sena kien jitla' għal

---

[3] Fol. 32 tal-proċess
[4] Fol. 62 tal-proċess
[5] Kopja Legali tal-kuntratt t'akkwist iddatat it-3 ta' Marzu 1977, fl-atti tan-Nutar Dr. Sammy (Salvatore) Abela, jinsab esebit a fol. 49
[6] Ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab esebit fol. 63 tal-proċess

tliet xhur sħaħ, u kien iħalli li martu tfendi weħidha u bla flus, oltre li kull darba kien jitlef ix-xogħol tiegħu;

(f) F'Jannar 2014, il-konvenut assenti telaq mid-dar matrimonjali u possibilment irritorna lejn il-Gambja. Hu ftit żamm kuntatt hawn Malta, għajr li xi kultant iċempel lit-tifel;

(g) L-attriċi tispjega li hija trabbi lit-tifel mingħajr ebda għajnuna finanzjarja mingħand il-konvenut assenti. Taħdem fil-Kċina ta' stabbiliment jismu "M" u tirċievi ċ-*children's allowance*;

(h) Oltre l-ispejjeż tal-ħajja u tal-edukazzjoni tat-tifel, hija għandha wkoll spejjeż riżultanti mill-fatt li l-minuri huwa dijabetiku;

(i) Bejn il-koppja, m'hemm l-ebda propjeta` komuni lanqas mobbli;

<u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

Illi l-attriċi, fir-rikors ġuramentat, tatribwixxi lil żewġha l-kawżali kollha għall-azzjoni tas-separazzjoni. Illi minn dawn il-kawżali kollha lilu attribwiti, *prima facie* jirriżulta li l-konvenut assenti huwa ħati t'abbandun fil-konfront ta' martu l-attriċi. L-abbandun huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula:

***41. Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.***

Kemm mid-diċitura tal-artikolu u wkoll minn ġurisprudenza kostanti tagħna jirriżulta illi l-kriterji sabiex din il-kawżali tirnexxi

huma tnejn: l-ewwel illi l-abbandun idum għal sentejn jew iżjed, it-tieni li l-abbandun iseħħ mingħajr raġuni tajba.

Fil-kawża Andrea Avellino vs. Regina Avellino,[7] insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: *"Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriċċuż, u mhux ġustifikat minn xi motiv raġjonevoli."*

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe.[8] fejn il-Qorti sostniet illi:- "*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun inġust fiż-żmien tiegħu kollu ta' sentejn..."*

Il-firda personali mmotivata mill-abbandun ġġib magħha, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi f'każ ta' abbandun (kif ukoll f'każ ta' adulterju) huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. L-Artikolu 48 jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

---

[7] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 1949.
[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961.

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[9];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

M'hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ bejn il-partijiet sfaxxa minħabba l-abbandun tal-konvenut assenti sija mid-dar konjugali u wkoll mir-rikorrenti. L-abbandun tiegħu huwa wieħed li jinkwadra sewwa fil-kriterji li ġew elaborati iktar 'il fuq u cioe:

1. L-abbandun ilu iktar minn sentejn. Jirriżulta illi l-konvenut assenti telaq mid-dar matrimonjali lejn f'Jannar 2014 u baqa' sal-lum qatt ma rritorna. Mill-ftit kuntatt li jżomm ma' iben il-partijiet, il-konvenut assenti ma jirriżultax li għandu xi ntenzjoni li jirritorna lejn il-familja tiegħu hawn Malta;

2. L-abbandun ma kienx ġustifikat. Mix-xiehda tal-attriċi jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni valida biex iwassal lill-intimat jitlaq mid-dar taż-żwieġ. Din ix-xiehda ma ġiet bl-ebda mod kontradetta.

Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni attriċi hija

[9] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

ġustifikata u għalhekk l-ewwel talba attriċi qed tiġi akkolta billi l-Qorti qed issib lill-konvenut assenti ħati t'abbandun fil-konfront ta' martu. Il-kawżali l-oħra allegati ma ġewx minimament ippruvati; Pjuttost ġew kontradetti. Per eżempju rigward l-iswat, l-attriċi tallegah biss fir-rikors ġuramentat, fl-affidavit ma telabora xejn dwaru, u ommha tixhed[10] *"Ma nafx li kien isawwatha"*.

Bħala konsegwenza tas-sejba tal-ħtija tal-abbandun, din il-Qorti qegħda tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti in toto tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu l-intimat iddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi u wkoll li huwa tilef kull dritt ta' suċċessjoni li kien talvolta spettanti lilu wara l-mewt tal-attriċi.

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri Alexsander

Mill-assjem tal-provi, jirriżulta li l-minuri dejjem kien ikkurat minn ommu l-attriċi, mingħajr kollaborazzjoni da parti tal-konvenut assenti. Oltre li dan kien jagħmel perjodi twal ta' żmien nieqes minn Malta, anke meta jkun hawn Malta, it-tifel kienet tieħu ħsiebu ommu bis-sapport tan-nanna materna. Din tal-aħħar tgħid li l-konvenut assenti *"mat-tifel dejjem ma kienx irid jilgħab miegħu."*[11]

L-attriċi kienet ukoll dejjem responsabbli sabiex tiffinanzja t-trobbija ta' binha u dana stante li l-konvenut assenti kien jgħaddilha xi ħaġa żgħira biss meta kien jaħdem. Mindu telaq m'għaddielha xejn. *"Kultant iċempel lit-tifel iżda daqshekk."*[12]

Fil-kawża Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli[13] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-*

[10] Udjenza tal-1 ta' Marzu 2016 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 45
[11] Ibid.
[12] Affidavit tal-attriċi, fol. 32
[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP

*koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[14], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [15] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[16] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-konjuġi bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili.

Din il-Qorti dejjem irriteniet[17], anke fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata, li t-talba ta' kura u kustodja għandha tiġi determinata u

---

[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;
[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;
[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)
[17] Ara fost diversi sentenzi oħrajn lkoll deċiżi minn din il-Qorti: Rikors Ġuramentat 267/15AL Ab vs. Cd 27 t'April 2017; Rikors Ġuramentat 145/13AL Ab pro et. noe. vs. CB t'Ottubru 2016; Rikors

deċiża skond il-prinċipju tal-aħjar interessi tal-minuri. Wara li semgħet il-provi kollha miġbura fil-mori tal-kawża odjerna, l-Qorti hija moralment konvinta li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri, li jkun fdat mar-rikorrenti ommu u li m'hemm ebda prova li turi li r-rikorrenti m'hijiex omm idoneja għall-istess minuri. Jirriżulta wkoll li l-istess missier m'huwiex kapaċi jieħu ħsieb il-minuri u jassumi r-responsabbilita' ta' missier idoneju jew li għall-anqas juri li hemm xi forma ta' interess da parti tiegħu.

Tenut kont ta' dan, kif ukoll tal-fatt li minn mindu l-partijiet isseparaw *de facto* (u anke qabel: tista' tgħid mit-twelid tal-minuri) kienet ir-rikorrenti li b'mod esklussiv ħadet ħsieb lill-minuri, din il-Qorti tħoss li huwa fl-aħjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tiġi fdata f'idejn ir-rikorrenti b'mod esklussiv, speċjalment in vista tal-fatt li l-missier qiegħed jabita 'l bogħod minn Malta, bl-attriċi li ma tafx eżattament fejn qiegħed. Il-Qorti tifhem id-diffikultajiet kbar li tista' tinfaċċa l-attriċi kieku kellha tħalli l-kura konġunta bejn iż-żewġ ġenituri fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, fejn l-attriċi u l-minuri jinsabu hawn Malta, mentri l-konvenut hemm suspett raġjonevoli li jinsab fil-Gambja. Ċertament illi dan ma jkunx fl-aħjar interess tat-tifel u l-Qorti ma tixtieqx li l-aġir tal-missier li abbanduna lill-familja tiegħu, jirrifletti negattivament fuq ħajjet it-tifel.

Għalhekk, il-kura u l-kustodja tal-minuri Alexsander qed tiġi afdata unikament u esklussivament lill-omm, b'dan li hija awtorizzata sabiex weħidha tieħu d-deċiżjonijiet kollha rigwardanti s-saħħa, l-edukazzjoni u l-benessere tal-minuri, inkluż dawk straordinarji, kif ukoll li weħidha tapplika u tottjeni l-ħruġ ta' passaport għat-tifel mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-missier jew xi awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti.

## Dwar il-manteniment

---

Ġuramentat 276/14AL Ab pro .et noe. vs. Dr. Simon Micallef Stafrace pro. et noe. 9 ta' Novembru 2016; Rikors Ġuramentat 161/09AL Ab vs. Cpd 2 t'Ottubru 2014; Rikors Ġuramentat 210/12AL Ab vs. Cd 28 ta' Mejju 2015;

Dwar it-talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiffissa retta alimentarja għaliha, jiġi rilevat li l-attriċi taħdem b'mod regolari fil-kċina ta' stabbiliment tal-ikel. F'dan l-istadju, hija għandha l-potenzjal li żżomm lilha nnifisha materjalment, mingħajr il-ħtieġa ta' manteniment mingħand żewġha. Hija mara bieżla u m'għandha ebda diffikulta` jew impediment sabiex tkompli taħdem u taqla' l-għixien tagħha bħal ħaddieħor. Il-Qorti pero` żżid illi l-attriċi bl-ebda mod ma tilfet il-jedd tagħha ta' manteniment mingħand żewġha u dan peress li hija ma kellha ebda ħtija fit-tkissir taż-żwieġ.

Rigward il-manteniment tal-minuri, il-Qorti tirrileva li jirriżulta bl-aktar mod ċar li r-responsabbilita' kollha relatata mal-minuri waqgħet fuq ir-rikorrenti.

L-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula li: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Din il-Qorti dejjem irritjeniet ukoll li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut. Dana jfisser li kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-

istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

Il-Qorti hija għal kollox sprovvista minn kwalsiasi informazzjoni dwar l-introjtu tal-konvenut assenti jew tal-kapaċitajiet lavorattivi tiegħu. Ma nġibitx il-prova dwar ix-xogħol li kien jagħmel sakemm kien hawn Malta u kemm kien jaqla' mill-istess xogħol. Wisq inqas m'għandha informazzjoni dwar dak illi huwa jaqla' ġewwa pajjiżu. Lanqas ma nġiebet prova preċiża dwar il-ħtiġijiet tal-minuri u l-ispiża mensili neċessarja għat-trobbija tiegħu. Minkejja li ma nġibux provi sodisfaċenti biex il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tistabbilixxi l-manteniment ġust u opportun, xorta waħda ser tgħaddi biex tiffissa manteniment għall-minuri bil-fakolta` li dan jiġi rivedut ma' produzzjoni ta' provi ulterjuri.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna lill-konvenut assenti sabiex iħallas manteniment għal ibnu minuri Alexsander fis-somma ta' mija u għoxrin Ewro (€120) fix-xahar, liema manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u li jkun jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild. Tali manteniment jibqa' jitħallas *di fermo* sakemm il-minuri jkollu tmintax–il sena. Jekk l-istess minuri meta jsir maġġorenni jkun qed jistudja fuq bażi *full-time*, allura tali manteniment għandu jibqa' jitħallas mill-intimat assenti sakemm l-istess minuri jieqaf jistudja fuq bażi *full-time* jew jilħaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' sseħħ l-ewwel.

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bil-ħtija tal-abbandun imputabbli lill-intimat assenti, b'effett mid-data tal-preżenti;

[2] Tilqa' t-tieni talba attriċi u tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separatament minn ma' żewġha;

[3] Tilqa' it-tielet talba tar-rikorrenti u tapplika kontra l-intimat assenti l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Alexsander B unikament u esklussivament lir-rikorrenti, b'dan li hija awtorizzata sabiex weħidha tieħu d-deċiżjonijiet kollha rigwardanti s-saħħa, l-edukazzjoni u l-benessere tal-minuri, inkluż dawk straordinarji, kif ukoll li weħidha tapplika u tottjeni l-ħruġ ta' passaport għat-tifel mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-missier jew xi awtorizzazzjoni ulterjuri tal-Qorti.

[5] Tilqa’ limitatament il-ħames talba tar-rikorrenti billi tordna lill-konvenut assenti sabiex iħallas manteniment għal ibnu minuri fis-somma ta’ mija u għoxrin Ewro (€120) fix-xahar, liema manteniment jogħla kull sentejn skond l-indiċi tal-għoli tal-ħajja, li jkun jinkludi wkoll is-sehem tiegħu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild.

[6] Tilqa’ limitatament is-sitt talba tar-rikorrenti billi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet B, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba stante illi m’hemmx lok ta’ likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti;

[7] Tilqa’ s-seba’ talba tar-rikorrenti;

[8] Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti għal kunjom xbubitha “Y”, ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimat assenti, b’dan illi l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.